MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 31/2006

**Michael Camilleri**

**vs**

**Anthony Portelli u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2006 is-socjeta Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza in *statu et terminis***

**Il-Qorti;**

**Kawza li tittratta incident stradali u l-attur qieghed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans*.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-4 ta' April 2006 li permezz tieghu l-attur ippremetta li:-

Fid-19 ta' Novembru 2004 waqt li kien qieghed isuq il-mutur tal-marka Yamaha bin-numru DBJ 497, proprjeta' ta' Joseph Camilleri, matul it-Triq tax-Xhajma, limiti tan-Nadur, Ghawdex u fid-direzzjoni tad-Nadur, Ghawdex l-attur safa investit minn trukk Datsun bin-numru HAJ 728 misjuq mill-konvenut Anthony Portelli illi kien ghaddej fid-direzzjoni opposta.

L-incident sehh ghaliex meta l-vettura tal-konvenut waslet fil-kantuniera jew liwja li hemm fi Triq ix-Xhajma, dan qasam ghal gewwa l-karreggjata li fiha kien ghaddej il-mutur; minkejja li hemmhekk hemm sinjali bojod kontinwi illi jipprojbixxu li vettura tidhol fid-direzzjoni opposta ghal dik illi tkun miexja hi.

Il-konvenut ma zommx a proper look out kif ukoll b'mod iehor naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku, kif sejjer jigi pruvat.

Ghal dawn ir-ragunijiet u wkoll ghal nuqqasijiet ohra ghal dan l-incident jahti unikament il-konvenut.

L-attur sofra danni minhabba dan l-incident li jikkonsistu fi hsarat fil-mutur proprjeta' ta' Joseph Camilleri, liema hsarat kellu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur u feriti personali u l-attur ser jibqa' jsofri minn debilita' permanenti.

Ghalkemm il-konvenut gie msejjah sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni baqa' inadempjenti u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.

Ghalhekk l-attur talab lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut Anthony Portelli bhala unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh.
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawk id-danni li jigu hekk likwidati.

Rat ir-risposta prezentata mill-konvenut Anthony Portelli li permezz taghha eccepixxa:-

1. Li hu bl-ebda mod u manjiera ma hu responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh f'din il-kawza u dan peress li l-istess incident sehh tort tal-attur.
2. Kien l-istess attur li ma zammx "a proper look out" ta' vetturi li kienu "in plain view" u li seta' facilment jara.
3. M'huwiex minnu li l-attur sofra debilita' permanenti jew li sofra xi danni lucrum cessans.

Rat id-digriet moghti fil-15 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu l-kumpannija Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company giet awtorizzata sabiex tintervjeni *in statu et terminis*.

Rat li fit-30 ta' Gunju 2006 is-socjeta intervenuta fil-kawza pprezentat nota ta' l-eccezzjonijiet fejn ikkontestat ir-responsabbilta' tal-assigurat taghha (il-konvenut) ghall-incident. Jigi ghalhekk li s-socjeta intervenuta sostniet ir-raguni li ressaq il-konvenut bhala difiza, cjoe' li hu ma kienx jahti ghall-incident.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi r-rapporti medici li gew prezentati mill-esperti medici nkarigati mill-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2007 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti tal-kaz huma semplici:-

(a) Fid-19 ta' Novembru 2004 sehh incident bejn mutur Yamaha 125 cc bin-numru DBJ 497 misjuq mill-attur u *pick up* Datsun bin-numru HAJ 728 misjuq mill-konvenut.
(b) Il-mutur kien qieghed jinstaq fid-direzzjoni tan-Nadur filwaqt li l-*pick up* kien gej mid-direzzjoni opposta.

(c) F’hin minnhom is-sewwieq tal-vettura Datsun HAJ 728 qasam it-triq u dahal fil-karreggjata li minnha kien ghaddej il-mutur.
(d) Fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident f’nofs it-triq hemm zewg linji kontinwi (ara ritratti fol. 110-111).

2. Fl-1 ta’ Gunju 2007 il-Qorti zammet access fuq il-post fil-prezenza tal-partijiet u ttiehdu wkoll ritratti (fol. 110-112).

3. Mix-xhieda li semghet u minn dak li rat fl-access il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-htija ta’ dan l-incident hi tal-attur li naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku. Il-konvenut ighid li hu qasam ghall-karreggjata opposta sabiex jersaq lejn il-gemb tat-triq u jittawwal fl-ghelieqi li ghandu f’dawk l-inhawi. Pero’ meta ghamel hekk il-konvenut kiser ir-regolamenti tat-traffiku. Il-konvenut ma kellu qatt jaqsam *“double white line”*. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza l-konvenut iddefenda ruhu fis-sens li ghall-incident kien jahti l-attur ghaliex kien ghaddej b’velocita’ eccessiva. Verzjoni li mhi korraborata minn ebda prova. Il-konvenut m’huwiex kredibbli f’dak li qal. Hekk per ezempju:-

(a) In kontro-ezami xehed li *“Jiena kont qieghed insuq bil-mod vicin il-hajt li jaqsam it-triq mill-ghelieqi”*. Waqt l-access il-konvenut wera kemm il-vettura tieghu kienet tinsab il-barra mill-hajt divizorju (ara ritratt AE1 a fol. 110) u ndika li kien xi zewg piedi u nofs. Fir-ritratt jidher il-konvenut fil-posizzjoni li skond hu kienet il-vettura tieghu. Jekk wiehed jara l-iskizz imhejji mill-ufficjal tal-pulizija li nvestigat il-kaz (fol. 69) facilment jikkonferma li dak li qieghed ighid il-konvenut m’huwiex minnu. L-iskizz jindika fejn sehh l-impatt, u jidher bic-car li l-vettura tal-konvenut kienet iktar il-barra minn zewg pied u nofs minn mal-hajt divizorju.

(b) Fl-istqarrija li ghamel lill-pulizija li nvestigat il-kaz, il-konvenut qal:- ***“dhalt ghal gol-lane l-iehor minn fejn kien hem mil-broken lines, dhalt biex inkun nista’***

***nittawwal l-eghlieqi tieghi, sibt il-mutur go wicci, ppruvajt niskapulah pero' laqat il-bieba u sehh l-incident"*** (fol. 67). Meta xehed in kontro-ezami (seduta tat-12 ta' Gunju 2007) qal:- *"Meta jiena qsamt, qsamt mill-parti fejn il-linji huma miskurin f'nofs it-triq"*. Dan ma jistax ikun ghaliex kif jidher mill-iskizz li gie mhejji mill-ufficcjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, fuq naha wahda l-brake marks tal-vettura Datsun jibdew angolati u mbaghad jiddrittaw. Minn dan il-Qorti tifhem li f'dak il-hin il-vettura Datsun kienet ghadha qeghda taqsam il-karreggjata minn fejn kien tiela' l-attur u kienet ghadha ma sabitx postha ghad-dritt vicin il-hajt divizorju li jaqsam it-triq mill-eghlieqi. Tant hu hekk li minn fuq l-istess skizz jidhru brake marks dritti wara li sehh l-impatt. Inoltre, kif setghet tikkonstata l-Qorti waqt l-access, il-linji miksurin qeghdin hafna iktar il-fuq minn fejn jidher dak il-brake mark angolat fuq l-iskizz (fol. 69). Ghalhekk ma jistax ikun li l-konvenut qasam minn dik il-parti tat-triq fejn hemm il-linji miksurin. Inoltre, il-konvenut xehed li hu ried jaqsam it-triq sabiex jigi fuq in-naha tat-triq fejn ghandu l-ghelieqi. Fejn hemm il-linji miksurin hu hafna iktar 'il fuq minn fejn jinsabu l-ghelieqi tal-konvenut. M'huwiex verosimili li l-konvenut ghamel manuvra bhal dik fil-parti tat-triq fejn hem mil-linji miksurin. Dan apparti l-fatt li l-linji miskurin qeghdin sabiex vetturi jidhlu fi trejqa li hemm u mhux biex isuqu fuq il-lemin tat-triq, cjoe' kontra r-regolamenti tat-traffiku.

(c) In kontro-ezami xehed li *"meta saret il-habta, il-karrozza tieghi qeghda thares l-isfel kienet. Jiena nikkonferma li ma kontx qieghed insuq il-pick up van tieghi b'mod angolat. Kont qed insuqu, kif ghidt diga', vicin mal-hajt divizorju li jaqsam it-triq minn ma' l-ghelieqi"*. Fatt li rega' kkonferma waqt l-access li sar fit-22 ta' Gunju 2007. Mill-iskizz (fol. 69) imhejji mill-pulizija li nvestigat il-kaz, jirrizulta l-oppost.

(d) Il-hsara fil-vettura misjuqa mill-konvenut hi indikazzjoni cara kemm fil-mument ta' l-incident il-vettura ma kienitx fil-posizzjoni li ddeskriva hu. Fl-iskizz tal-pulizija jidher li l-hsara kienet fil-bieba (naha tal-passiggier) fatt li jkompli jikkonferma li fil-mument ta' l-impatt il-konvenut

kien ghadu qieghed jittraversa l-karreggjata li minnha kien ghaddej l-attur.

4. Kif tajjeb irrilevat il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Saviour Meilaq vs Etienne Grech** deciza fis-26 ta’ Mejju 2006, *”Huwa risaput li f’kollizjonijiet ta’ spiss il-verzjonijiet li jinghataw huma kontrastanti. Hafna drabi r-rakkont tal-fatti ta’ kif isehh l-incident jew ma jirrispekjax il-verita` jew sahansitra jkun ezagerat bil-hsieb li jaghti sostenn lill-verzjoni wahda fuq l-ohra; u meta dan ikun il-kaz, l-iskizz u r-rapport li jkun ghamel l-ufficjal tal-pulizija li jkun investiga l-kaz jikkostitwixxu prova importanti. L-iskizz jaghti ideja ta’ kif ikunu spiccaw il-vetturi wara l-impatt, oltre cirkostanzi ohra mportanti bhal topografija tal-lokal inkluzi t-toroq, waqt li r-rapport ikollu dikjarazzjoni li tkun saret mis-sewwieqa a tempo vergine”*.

5. M’hemmx dubju li l-manuvra li ghamel il-konvenut kienet ghal kollox insensata u kontra r-regolamenti tat-traffiku; *“meta sewwieq ikun kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u mhux semplicement on the crown of the road u jekk jigi stabbilit ukoll illi t-triq fejn gara l-incident kienet wahda li tipprovi viswali tajba u fit-tul, tinholoq prezunzjoni iuris tantum li l-htija ghas-sinistru kellha tkun akkollata fuq min ikun fuq in-naha l-hazina tat-triq. Una volta li sewwieq jinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, kien mistenni fuq kollox minnu li jiehu prekawzjonijiet adegwati sabiex bl-ebda mod ma jfixkel jew jipperikola t-traffiku gej minn dik id-direzzjoni. Filwaqt li certament kull sewwieq kellu l-obbligu li jzomm a proper lookout, kien jinkombi fuq tali sewwieq grad ta' diligenza ferm akbar biex jaccerta ruhu illi, qabel ma jaghmel il-manuvra biex jinvadi l-karreggjata rizervata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni kuntrarja, ikun jista' jibda jkompli u jtemm dik il-manuvra perikoluza minghajr riskju u wkoll minghajr ma jissorprendi propju lil dak it-traffiku li, bi dritt, ikun qed juza l-karreggjata ghalih rizervata”* (**Lawrence Caruana vs Anthony Falzon** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru 2001).

Rilevanti wkoll dak li kiteb l-awtur Peter Barrie[1], *"Going out of control, leaving the carriageway or* ***crossing to wrong side of the road****, colliding with a stationery and visible obstacle are all examples of driving which* ***will give rise to an inference of negligence, what used to be called res ipsa loquitur****. In the absence of an explanation the court will find that the driver was negligent if the motor vehicle under his control has behaved in such a way. This is no more than common sense and the move is away from treating it as a formal legal or evidential rule.*

*The ingredients for the application of the inference are:-*

*(a) the thing which caused the accident was under the management or control of defendant.*
*(b) Ordinarily the manner in which the vehicle behaved does not happen without negligence.*
(c) *No reason for the happening has been given which might account for it having occurred without negligence"*.

Ingredjenti li huma kollha prezenti fil-kaz odjern. Min-naha tieghu l-konvenut ma ressaq l-ebda prova biex jirribatti din il-presunzjoni.

6. Il-manuvra li ghamel il-konvenut tat lok ghall-emergenza subitaneja ghall-attur. Il-Qorti setghet tara kif mid-direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut hareg minn liwja. Mill-provi lanqas ma rrizulta li qabel ma ghamel din il-manuvra hekk perikoluza fuq arterja principali l-konvenut kellu d-dicenza jieqaf f'nofs it-triq biex jaccerta ruhu jekk kienx gej traffiku mill-faccata. Dan apparti li mill-iskizz tal-pulizija jirrizulta li l-brejk marks jibdew centimetri qabel fejn sehh l-impatt, fatt li jkompli jikkonferma kemm il-konvenut ma kienx attent ghal dak li kien hemm *in plain view*. Il-konvenut qatt ma kellu jaqsam arterja principali b'dak il-mod u sahansitra jsuq f'karreggjata rizervata ghall-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Il-verzjoni

[1] Personal Injury law – Liability, Compensation & Procedure (2nd Edition) pubblikat fl-10 ta' Marzu 2005.

moghtija mill-attur hi pjenament konfortata mill-iskizz li hejjiet l-ufficjal tal-pulizija li nvestigat il-kaz. Il-konvenut ha r-riskju u issa jrid jirrispondi ghall-agir negligenti tieghu. Wiehed ma jistax jonqos milli jirrileva wkoll li l-punt fejn jirrizulta li l-konvenut ghazel li jaghmel din il-manuvra perikoluza hi f'parti tat-triq li qeghda ghal liwja. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-kawza prossima ghal dan l-incident kien is-sewqan tal-konvenut. Il-Qorti mhi konvinta xejn li l-attur kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva u ma tara l-ebda kontributorjeta' da parti tal-attur ghal dan l-incident stradali. Mill-provi li tessqu m'hemm xejn x'jindika li l-attur kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva ghall-lokalita' u ghall-kundizzjonijiet ambjentali tal-mument. Konsiderazzjoni ohra li fil-fehma ta' din il-Qorti hi rilevanti hi li*"Huma principji maghrufa li…Kull sewwieq ghandu jzomm* proper look out *u r-responsabbilta` ghall-incident tigi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa filmument meta jigu rinfaccjati bil-possibilita` ta' impatt. Dak li jigri f'dak il-mument u aktar u aktar fl-*agony *of the collision, hu generalment irrilevanti ghall-fini tar-responsabbilta`"* (**Michael Balzan v. Lawrence Ciantar noe et** deciza fis-17 ta' Frar, 2006).

Fir-rigward tal-grad tal-prova hu maghruf li *"fil-kamp civili – u b'distinzjoni mill-kamp kriminali – il-grad tal-prova hija wahda ta' 'balance of probabilities' u m'hemmx ghalfejn li l-attur jipprova l-kaz tieghu beyond reasonable dout. Jekk meta l-gudikant jifli u jqis il-provi, jhoss li l-kaz tal-attur aktarx gara kif ighid l-attur, huwa bizzejjed. Pero' din ma tridx tkun semplici kongettura jew possibilita'. Id-domanda mhix "jista' jkun li gara hekk ?" izda ghandha tkun "aktar u probabilment gara hekk ?". "Jinhtieg li l-attur iressaq provi bizzejjed li jikkonvincu moralment lill-gudikant dwar l-allegazzjonijiet maghmula" (Vol. XXXV.319)"* (**Raymond Falzon vs Alfred Agius** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Frar 1991). Ezercizzju li fil-fehma tal-Qorti gie sodisfatt ampjament mill-attur fil-kaz odjern.

7. Ghal dak li hu likwidazzjoni ta' danni, ma hemmx dubju illi kif ritenut mit-**Torrente** ("Manuale di Diritto

Privato", 11 Ed. pag. 652), "*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*".

Dan il-principju jidher li japplika anke fl-ordinament guridiku Malti billi skond il kriterji generali ffissati bis-subinciz (2) ghall-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili *"is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita` mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b' mod partikulari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni talparti li tbati l-hsara."*. Provvediment li jidher li jaghti diskrezzjoni lill-gudikant.

L-awtur Giovanni Visintini (*Trattato Breve della Responsabilita' Civile*, Cedam 1996) kiteb hekk dwar il-likwidazzjoni tad-danni:- *"In definitiva, il danno puo' sempre atteggiarsi come danno emergente e come lucro cessante e l'unica differenza tra I due elementi dal danno sta nella maggiore difficolta' di prova inerente al lucro cessante, con il risultato che questa figura di danno si prestera' piu' facilmente ad essere soggetta ad una valutazione equitattiva"* (pagna 512).

8. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni bhala ***damnum emergens*** dan ser jigi likwidat fl-ammont ta' **elf disgha mija u tmenin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm1,980.39)**:-

(a) L-attur qieghed jippretendi rimbors ta' disgha mitt lira Maltija (Lm900), ammont li jghid li hallas lill-ommu talli hadet siehbu fil-perjodu twil ta' konvalexxenza. Omm l-attur ikkonfermat li thallset din is-somma. Jidher li dan il-hlas sar fuq inizjattiva tal-attur bhala gest ta' ringrazzjament u rikonoxxenza lejn dak li ghamlet ommu. L-attur xehed:- *"Jiena kont ghedtilha illi gialadarba dak illi gara mhux tort tieghi, jiena kelli inhallasha ta' dak illi qed taghmel mieghi, u imbaghad infittex jiena sabiex nigbor*

*dak illi inkun hallastha minghand il-parti l-ohra"*[2]. Il-Qorti tqies li fuq perjodu ta' hames xhur u mehud in konsiderazzjoni ukoll li hawn qed nitkellmu dwar servigi moghtija minn omm, **il-hlas ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) ikun iktar ekwu**. Ghalkemm jista' jkun li kieku l-attur fittex l-ghajnuna tal-barranin kien ikollu jhallas iktar, il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt li l-ghajnuna nghatat minn omm lil binha, li mill-provi ma jirrizultax li talbet jew kienet qeghda tippretendi xi hlas u li kien l-istess attur li ffissa somma li kellu jhallasha talli hadet hsiebu. Il-fatt li l-attur ghazel minn jeddu li jhallas lill-ommu s-somma ta' disgha mitt lira Maltija (Lm900) ma jfissirx b'daqshekk li l-Qorti hi marbuta ma' dak li l-attur iddecida jaghmel minn jeddu. Dan apparti l-fatt li mill-provi rrizulta li fl-istadju tan-negozjati mal-kumpannija assiguratrici tal-konvenut (ara ittra datata 1 ta' Lulju 2005 fol. 44) intalbet biss is-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm123). Min-naha l-ohra ma jfissirx li l-ebda hlas ma kien dovut mehud in konsiderazzjoni li fiz-zmien tal-incident l-attur kien diga' mizzewweg u ma kienx ghadu jghix id-dar u mill-provi jirrizulta li kellu l-ghajnuna ta' ommu fil-perjodu ta' konvalexxenza.

(b) Is-somma ta' **mitejn u hamsin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm250.76)** (fol. 42) spejjez relatati ma' tragit lejn Malta ghall-kura, rapport ta' l-espert mediku, spejjez tal-iskizz, xiri ta' medicini. Ammont li ma gie fl-ebda stadju kontradett u hemm ukoll ricevuti ezebiti fl-atti.

(c) Is-somma ta' **sebgha mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm729.63)** spejjez li saru ghat-tiswija tal-mutur li kien qieghed isuq l-attur. Ghalkemm mill-provi rrizulta li l-mutur hu proprjeta' ta' Joseph Camilleri (missier l-attur), l-ispejjez ghamel tajjeb ghalihom l-attur[3]. Ghalhekk ghandu dritt li jithallas lura dak li hareg mill-but. Ammont li wkoll ma giex kontestat mill-konvenut.

---

[2] Fol. 34.
[3] Ara l-affidavit ta' Joseph Camilleri (fol. 54).

(d) L-attur qieghed jippretendi wkoll hlas ghal telf ta' qliegh li kellu mill-impjieg tieghu matul il-perjodu ta' konvalexxenza li fih ma kienx qieghed imur ghax-xoghol. Fl-affidavit tieghu l-attur qal li b'kollox tilef elf disgha mija u tmienja u erbghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm1,984.68) bhala qliegh mix-xoghol (sitt gimghat fis-sena 2004 u 18 il-gimgha fis-sena 2005). Mill-atti ma jirrizultax li saret xi kontestazzjoni dwar il-fatt li l-attur ma marx ghax-xoghol f'dan il-perjodu u li sofra xi telf. Madankollu hemm diskrepanzi fic-cifri ta' dhul li jissemmew kemm fl-FSS3s (fol. 16 u 39) u fl-ittri li ntbaghatu mid-difensur tal-attur ghal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni (fol. 44, 48 u 50). Dan apparti l-fatt li ma giex spjegat kif wara l-incident l-attur waqfitlu l-paga hesrem. Suppost kien hemm perjodu li fih baqa' jircievi l-paga minghand il-principal tieghu apparti li kellu dritt wara dak il-perjodu li jircievi *Sickness Benefit* mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Fic-cirkostanzi l-Qorti qeghda tiffissa *arbitrio boni viri* somma ta' **sebgha mitt lira Maltija (Lm700)** u dan mehud in konsiderazzjoni li l-Qorti m'hijiex konvinta mic-cifra li qieghed jippretendi l-attur fir-rigward ta' dawn id-danni u anzi tqies li hi eccessiva.

9. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni bhala **lucrum cessans** jibda biex jinghad li kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et** deciza fil-15 ta' Jannar 2002:- "*Jinghad illi l-Qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinunzjaw ghall-fakolta` diskrezzjonali taghhom….. Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza 'Butler v. Heard'*. Mill-provi jirrizulta li l-attur baqa' jahdem fl-istess impjieg minkejja l-griehi li garrab fl-incident. Il-kuncett ta' *lucrum cessans* hu suppost relatat mat-telf ta' qliegh li d-debilita' ggib fuq id-danneggjat. Tant hu hekk li l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi li d-danneggjat ghandu d-dritt li jirkupra wkoll *"…… t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib"*. Dan il-kuncett hu distint

minn dak ta' *damnum emergens*, in kwantu tal-ewwel huma dawk li jigu deskritti bhala *"…..mancato aumento del suo* (tad-danneggjat) *patrimonio, cioe il lucro cessante"* (sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Ebejer fu Catalde vs Giuseppe Ebejer fu Michele** deciza fil-25 ta' April 1933). Madankollu l-Qrati qeghdin xorta jakkordaw danni *lucrum cessans* fejn l-attur ikun kompla jahdem u jidher bic-car li matul iz-zmien din l-interpretazzjoni twessghet, fis-sens li dawn it-tip ta' danni jinghataw anke fejn id-danneggat jibqa' fl-istess impjieg li kellu qabel l-incdent. Hekk per ezempju gara fil-kawza fl-ismijiet **Edgar Gatt vs Oliver Theuma** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 1987[4] fejn il-Qorti ssottolinejat li "….*Dik id-dizabilita' permanenti tista' dejjem tkun ta' xkiel ghalih fil-futur li jimmiljora l-posizzjoni finanzjarja tieghu, u kwindi ghal din ir-raguni huwa intitolat ghad-danni li jista' jsofri bhala konsegwenza taghha"*. F'dan is-sens ukoll hi sentenza ricenti moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Michael Balzan vs Lawrence Ciantar noe** deciza fis-17 ta' Frar 2006. L-istess gara fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza fit-3 ta' Dicembru 2004 fejn sahansitra l-attur sab impjieg (fiz-zmien l-incident kien ghadu qieghed jistudja) u ma kienx mistenni li d-debilita' tizdied fil-futur. Madankollu f'dik il-kawza l-Qorti rriduciet l-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti mehud in konsiderazzjoni ta' dawn il-fatti u ma kkumpensatx lid-danneggjat ghall-perjodu kollu tal-hajja lavorattiva tieghu. Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Galea vs Pierre Scicluna** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' April 2007 gie osservat, *"Fir-rigward tal-qliegh li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, huwa minnu dak li gie sottomess mill-appellant illi "l-incident ma affetwax il-qliegh ta' l-attur b'mod permanenti" . Madankollu kif irriteniet din l-Qorti (diversament komposta) "[i]l-ligi taghna diga` ma taghti l-ebda kumpens ghad-danni morali f'kazijiet bhal dawn u cioe` ma taghti l-ebda kumpens ghall-ugiegh u skumditajiet li min isofri debilita` permanenti necessarjament jghaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens ghal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalita` ta' hajja li min ikollu debilita` permanenti necessarjament*

[4] Vol. LXXI.ii.136

*ikollu jghaddi minnha". B'hekk il-Qorti tkun qieghda twettaq ingustizzja fir-rigward ta' l-appellat jekk ma' tatihx kumpens adegwat ghad-dannu li sofra".* Kazijiet ohra huma **Susan Davies et vs Anthony Galea** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Noel Arrigo) fl-10 ta' Ottubru 1997 u **Joseph Caruana vs Joseph Gafa** deciza fid-29 ta' Mejju 1998 mill-istess Qorti, fejn ukoll intlaqghet talba ghall-hlas ta' danni minkejja illi d-danneggjat kien kompla b'xogholu. F'dawn iz-zewg sentenzi l-Qorti esprimiet il-perplessita' taghha dwar dak li jinghad fil-ligi u l-interpretazzjoni li kienet qeghda tinghata mill-Qrati u ma naqsitx milli tikkritika s-sistema li kienet qeghda tigi addottata, pero' waslet ghall-konkluzjoni li *"fl-izvilupp prezenti tal-gurisprudenza taghna huwa forsi necessarju li l-bzonn ta' certezza u nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li tezigi li kull tip ta' disabilita' permanenti twassal ghat-telf future fil-proporzjon tal-percentagg taghha"*. Wasal ghalhekk iz-zmien li jigu ntrodotti l-emendi opportuni fil-ligi sabiex l-affarijiet ikunu cari ghal kullhadd u l-ligi tkun tirrifletti ahjar l-interpretazzjoni li qeghda tinghata mill-Qrati f'kazijiet ta' din ix-xorta.

10. Jirrizulta li:-

(a) Skond ir-rapport mediku imhejji minn Anthony Bernard (fol. 78-80) l-attur qieghed ibaghati minn rata ta' debilita' permanenti ta' erbgha fil-mija (4%) (fol. 78-80) b'rizultat tal-griehi li garrab f'dan l-incident. Inhatru periti addizzjonali fuq talba tal-attur li rrelataw li l-attur qieghed ibaghati minn rata ta' debilita' permanenti ta' ghaxra fil-mija (10%) (fol. 93-96). Rata li hi l-istess rata li kien stabilixxa l-espert mediku nkarigat mill-kumpannija assiguratrici tal-konvenut (ara ittra datata 17 ta' Marzu 2006 a fol. 50). Meta l-Qorti tqies ir-rati ta' debilita' stabbiliti wkoll mill-periti medici *ex parte* nkarigati mill-attur (fol. 21-23) u mill-kumpannija assiguratrici tal-konvenut, tasal ghal konkluzjoni li r-rata ta' debilita permanenti ffissata mill-periti addizzjonali hi certament aktar affidabbli minn dik stabbilita mill-ewwel perit mediku. Il-Qorti jidhrilha li ghandha tistrieh fuq il-parir moghti mill-periti addizzjonali mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-ezami

taghhom sar sentejn u nofs wara l-akkadut u l-iktar wiehed vicin ghas-sentenza.

(b) L-incident sehh fid-19 ta' Novembru 2004 meta l-attur kellu erbgha u ghoxrin (24) sena. Il-Qorti tqies li jkun gust u ekwu li l-multiplier ikun ta' tlieta u tletin sena (33 sena). Dan mehud in konsiderazzjoni li n-nies qeghdin ighixu iktar, il-kwalita' tal-hajja u kura medika dejjem jitjiebu, l-eta' meta tohrog bil-pensjoni ser tizdied u n-nies saru iktar propensi ghax-xoghol mehud ukoll in konsiderazzjoni li jezistu aktar opportunitajiet. Jirrizulta wkoll li fiz-zmien tal-incident l-attur kien b'sahhtu u wkoll sporttiv hafna, u wara l-incident ma setax jibqa' attiv kif kien qabel. Dan apparti li mill-provi ma jirrizultax li l-attur kien jew qieghed ibaghati minn xi mard jew menomazzjoni ohra li tista' tnaqqaslu l-hajja lavorattiva tieghu. Il-Qorti hi tal-fehma li multiplier ta' 33 sena iktar jirrifletti ir-realta' tal-hajja u l-possibilitajiet ta' xoghol fil-futur li huma miftuha ghall-attur. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell **Francis Meilaq u Rose Mary konjugi Meilaq pro. et noe. v. Brian Bonnici**, deciza fis-27 ta' Frar, 2003, gie ritenut illi *"… il-kuncett ta' "the changes and chances of life"* gie *introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, l-hajja tghallimna mod iehor. Ghalhekk fl-eventwalita` li d-danneggat, ghal xi raguni kompletament indipendenti mid-dizabilita` subita fl-incident, kellu jmut qabel ma jilhaq il-massimu tal-hajja lavorattiva tieghu, tkun saret ingustizzja mal-parti li kkawzat d-danni billi din tkun hallset ghall-perjodu meta effettivament d-disabilita` tad-danneggjat tkun ghal kollox irrilevanti billi dan ikun miet. Isegwi li d-danni li ghandhom jigu akkordati jridu jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn d-dritt tad-danneggat u l-obbligu tad-danneggant. Tenut kont ta' dan isegwi li l-"working life expectancy" ma ghandux jigi, kif qatt ma gie, konsidrat kollu ghall-fini tal-fissazzjoni tal-"multiplier"*.

(c) L-attur jahdem bhala *sheet metal worker* mal-kumpannija Fantin Metal Works. Fil-formola FS3 ghas-sena 2004[5] jidher li minn dan l-impjieg kellu dhul ta' tlieta u hamsin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm53.88) fil-gimgha, ghallinqas hekk gie dikjarat ghal skopijiet ta' taxxa. Fl-affidavit tieghu l-attur rega' kkonferma, din id-darba bil-gurament, li fl-2004 kellu paga ta' tlieta u hamsin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu fil-gimgha (Lm53.88) (fol. 33). Dak li kien qieghed jigi dikjarat ghal finijiet ta' taxxa kien zgur il-*minimum wage* pagabbli lil nies 'il fuq minn 18 il-sena[6]. Fis-sena ta' wara gie dikjarat iktar dhul (ara FS3 relattiva ghas-sena 2005 a fol. 39), fl-ammont ta' tlett elef tlett mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm3,364) meta f'din is-sena jirrizulta li l-attur ghamel mill-1 ta' Jannar sat-8 ta' Mejju 2005 ma jircevix paga ghaliex ma kienx qed imur ghax-xoghol. L-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' din il-qabza sostanzjali fid-dhul tieghu. Inoltre, mill-korrispondenza li giet skambjata qabel bdiet il-kawza jissemma dhul differenti. Fl-ewwel ittra (1 ta' Lulju 2005 a fol. 44) inghad li dakinhar ta' l-incident l-attur kellu dhul ta' sittin lira Maltija (Lm60) fil-gimgha, f'ittra ohra inghad li l-likwidazzjoni kellha ssir fuq dhul ta' disghajn lira Maltija (Lm90) fil-gimgha[7], u fit-tielet ittra inghad li l-paga bazi hi ta' sebgha u hamsin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm57.88) u skond ma jinghad fl-ittra hemm *"allowance ta' 20% zieda minhabba l-inflazzjoni, tawmenta ghal Lm70 fil-gimgha"*. Ittri li wara kollox gew ezebiti mill-attur. Wiehed japprezza li l-partijiet kienu ghadhom fi stadju ta' negozjati sabiex jipprovaw jevitaw proceduri gudizzjarji, madankollu l-Qorti ma tistax tifhem din id-diskrepanza kollha fir-rati tal-paga minn darba ghall-ohra u f'perjodu qasir. Wara li l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha u ziediet li wiehed jistenna mill-pagi, il-kalkoli ghandhom isiru fuq is-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80) fil-gimgha.

(d) L-incident meritu ta' din il-kawza sehh fid-19 ta' Novembru 2004 u l-kawza qeghda tinqata' kwazi tlett

[5] Fol. 16.
[6] National Minimum Wage National Standard Order.
[7] Ara ittra datata 23 ta' Novembru 2005 a fol. 48.

(3) snin wara. Mill-atti pero' jirrizulta li l-kawza giet prezentata fl-4 ta' April 2006, igifieri ftit iktar minn sena ilu. Skond l-ahhar sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, meta mir-rata ta' ghoxrin fil-mija (20%) isir xi tnaqqis d-dekors ta' zmien ghandu jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv (ara f'dan is-sens sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawzi **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004, **Anthony Zerafa et noe vs Joseph Sacco et** deciza fl-1 ta' Dicembru 2006 u **Emanuel Galea vs Pierre Scicluna** deciza fit-13 ta' April 2007). Il-kawza li fiha ghall-ewwel darba gie ntrodott il-principju ta' tnaqqis minn din ir-rata ta' ghoxrin fil-mija (20%) kienet **Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri**[8] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1993. Il-Qorti osservat, *"hu xieraq ukoll li ma jsir ebda tnaqqis fir-rata, fil-kazijiet fejn il-kumpens dovut ikun gie finalment determinat fi zmien ragonevoli – li l-Qorti tqis li ghandu jkun tlett (3) snin, minn meta jsehh l-incident li pprovoka d-danni. Dana mhux biss ghaliex dan hu zmien li fih il-proceduri gudizzjarji ghandhom jiehdu l-kors taghhom, imma wkoll biex jinghata spazju, opportunita' w incentive lill-kontendenti li jfittxu soluzzjoni bonarja fl-iqsar zmien possibbli"*. Applikati dawn il-principji m'ghandu jsir ebda tnaqqis mir-rata ta' 20%.

Ghalhekk bhala ***lucrum cessans*** dovut:-

**Lm4,160 x 33 sena x 10% rata ta' debilita' permanenti = Lm13,728 – 20% lump sum payment = ghaxart elef disgha mija u tnejn u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm10,982.40).**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ghal kull buon fini dik tal-intervenuta fil-kawza, tilqa' t-talbiet ta' l-attur fis-sens li:-

---

[8] Onor. Imhallef J. Said Pullicino.

(1) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fid-19 ta' Novembru 2004 gewwa Triq tax-Xhajma, limiti tan-Nadur, Ghawdex.
(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tnax-il elf disgha mija u tnejn u sittin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm12,962.79).
(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tnax-il elf disgha mija u tnejn u sittin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm12,962.79).

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut mehud ukoll in konsiderazzjoni li ghazel li jikkontesta r-responsabbilta' ghall-incident. B'dan li l-ispejjez tas-socjeta intervenuta fil-kawza jibqghu a karigu taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------